C/2025/780

30.1.2025

Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(C/2025/780)

Skont l-Artikolu 9(1), il-punt (a), tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1], in-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea [2] huma emendati kif ġej:

(1) *fil-paġna 244, tiddaħħal in-nota ta' spjegazzjoni li ġejja:*

"5603 **Drappijiet mhux minsuġin, kemm dawk imprenjati, miksijin, mgħottijin jew laminati kif ukoll dawk li mhumiex**

Din l-intestatura tinkludi prodotti fejn xibka mhux minsuġa (ta' fibri tessili) tiġi kkombinata ma' fibri taċ-ċelluloża permezz ta' proċess ta' konsolidazzjoni tat-tessut bil-ġettijiet tal-ilma (spunlacing/hydroentangling) (ara wkoll in-NSSA tal-intestatura 5603, II. Konsolidazzjoni u III. Irfinar).

Fuq naħa waħda x-xibka mhux minsuġa tibqa' predominanti/viżibbli u fuq in-naħa l-oħra l-fibri taċ-ċelluloża jibqgħu predominanti/viżibbli.

Meta jitqiesu l-proċess ta' manifattura u l-karatteristiċi mogħtija lill-prodott mill-fibri tessili (saħħa, reżistenza, proprjetajiet dejjiema, irtubija fuq il-ġilda, repellent tal-likwidi) il-preżenza tal-fibri taċ-ċelluloża ma tbiddilx il-karattru tal-prodott. Anki jekk il-fibri tessili mhumiex predominanti fil-każijiet kollha, dan it-tip ta' prodott jibqa' kklassifikat f'din l-intestatura.

Ara wkoll in-nota ta' spjegazzjoni tas-subintestatura 6210 10 92.";

(2) *fil-paġna 267, fin-nota ta' spjegazzjoni tal-intestatura "6210 10 92 Ilbiesi li jintużaw darba tat-tip li jintuża mill-pazjenti jew mill-kirurgi waqt proċeduri ta' kirurġija", jiżdied it-tieni paragrafu li ġej:*

"Din is-subintestatura tinkludi 'ilbiesi kirurġiċi kkonsolidati bil-ġettijiet tal-ilma' magħmula minn drappijiet mhux minsuġin fejn ix-xibka mhux minsuġa (ta' fibri tessili) tiġi kkombinata ma' fibri taċ-ċelluloża permezz ta' proċess ta' konsolidazzjoni tat-tessut bil-ġettijiet tal-ilma (spunlacing/hydroentangling) (ara wkoll in-nota ta' spjegazzjoni tal-intestatura 5603).

In-naħa ta' ġewwa jista' jkollha wkoll rinforzi tad-drapp tal-poliester.".

---

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/oj).

[2] ĠU C 119, 29.3.2019, p. 1.